

Brussell, 23 ta' Frar 2023  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0017 (NLE)

---

---

6209/23  
ADD 2

TRANS 48  
RELEX 164

#### **ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT stabbilit bil-Ftehem bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim

---

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI NRU 2/2023**  
**TAL-KUMITAT KONĠUNT**  
**stabbilit bil-Ftehem bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar**  
**it-trasport tal-merkanzija bit-triq**

**ta' ...**

**fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim**

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

---

<sup>1</sup> ĠU UE L 179, 6.7.2022, p. 4.

Billi:

- (1) Il-Kumitat Konġunt adotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu skont id-Deċiżjoni 1/2023 tal-...
- (2) Skont fl-Artikolu 6(1) tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq ("il-Ftehim"), il-Ftehim għandu japplika sat-30 ta' Ġunju 2023.
- (3) Skont fl-Artikolu 7(2) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jitlaqqa' mhux iktar tard minn tliet xhur qabel l-iskadenza tal-Ftehim sabiex jivvaluta u jiddeċiedi dwar il-ħtieġa għall-kontinwazzjoni tal-Ftehim, inkluż id-durata tiegħu.
- (4) Il-monitoraġġ tal-Ftehim wera li sar essenzjali għall-funzjonament tajjeb tal-korsiji ta' solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna.
- (5) Għalhekk l-estensjoni tal-Ftehim hija tweġiba għat-talba tal-kapijiet ta' Stat u ta' Gvern tal-Unjoni Ewropea lill-Unjoni Ewropea biex "tkompli ttejjeb l-effiċjenza tal-Korsiji ta' Solidarjetà kollha" peress li "għamli possibbli l-esportazzjoni ta' volumi sinifikanti ta' għelejjel, prodotti agrikoli u fertilizzanti Ukreni lejn il-pajjiżi l-aktar fil-bżonn"<sup>1</sup>.

---

<sup>1</sup> Il-Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tal-20 u l-21 ta' Ottubru 2022, punt 15 (EUCO 31/22, 21.10.2022).

- (6) Il-Ftehim kien ukoll pożittiv għall-Unjoni Ewropea peress li ppermetta żieda fl-esportazzjonijiet lejn l-Ukrajna. Madankollu, il-Ftehim wassal biss għal żieda limitata fl-operazzjonijiet mill-operaturi tat-trasport bit-triq Ukreni fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, u ma għolliex il-livell ta' kompetizzjoni għall-operaturi tat-trasport bit-triq tal-UE b'mod inaċċettabbli.
- (7) Il-Ftehim appoġġa wkoll l-azzjoni mill-awtoritajiet tal-Istati Membri kompetenti għall-kontroll tad-dokumenti tas-sewwieqa rigward il-ġlieda kontra l-frodi u l-falsifikazzjoni.
- (8) Jenħtieġ li l-estensjoni tal-Ftehim tinftiehem bħala kontribut ukoll għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.
- (9) Għalhekk huwa xieraq li l-Ftehim jiġi estiż sat-30 ta' Ġunju 2024,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*  
*Kontinwazzjoni tal-Ftehim*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq hu b'dan estiż sat-30 ta' Ġunju 2024.

*Artikolu 2*  
*Dħul fis-seħħ*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi .....,

*Għall-Kumitat Konġunt*  
*Il-Kopresidenti*

---